# BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 13 ta' Settembru 2002**

**Rikors numru 10/99**

**Numru 26**

**Agent Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Dr Vincent Galea LL.D. u P.L. Pierre Busuttil nominati kuraturi deputati b'digriet tat-22 ta' Mejju, 1998 biex jirrapresentaw lis-sid jew sidien incerti**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti, wara li ppremetta illi b'ittra ufficjali tal-21 ta' April 1998 l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Avviz ghal Ftehim, fejn fost affarijiet ohra gew informati li l-kumpens li l-awtorita hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-kmamar numri sitta (6) sebgha (7) tmienja (8) disa (9) u ghaxra (10) fil-fond b'numru disa u tletin

(39) fi Sqaq ir-Regina l-Belt Valletta li gew akkwistati mill-awtorita' kompetenti b'titolu ta' "uzu u pussess" bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Attard tal-wiehed u ghoxrin (21) t'Awissu 1954 u li ghalihom illum l-istess Agent Kummissarju tal–Artijiet qed ihallas is-somma komplessiva ta' sittax il-Lira Maltija u sebghin centezmu fis-sena bhala "Acquisition Rent" huwa ta' erbgha mija u sebgha u sittin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm467.60) kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Cilia A.& C.E. tal-24 ta' Marzu, 1998 li estratt tieghu huwa anness mal-istess avviz.

2. Illi b'ittra ufficjali tal-15 ta' Gunju 1998 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

3. Illi b'cedola ta' depozitu pprezentata fl-4 ta' Awissu 1998 gie depozitat il-kumpens offert ta' erba mija u sebgha u sittin Lira u sittin centezmu (Lm467.60) ghal kmamar fuq deskritti u dan a terminu tal-artikolu 22 (4) tal-Kap 88.

4. Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88. dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom liema ammont pero', ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

5. Ir-rikorrenti talab bir-rispett li dan il-Bord jiffissa il-kumpens relattiv ghall-kmamar fuq imsemmija skond id-disposizzjonjiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta tal-intimati nomine (fol 28 tal-atti) u li biha esponew bir-rispett:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidra

Illi l-unika prova orali prodotta f'dan il-kaz kienet ix-xhieda moghtija mill-Perit Mario Cilia (fol 39 tal-atti) li, fuq inkarigu moghti lilu mir-rikorrenti ghamel stima tal-postijiet in kwistjoni. L-istess stima tinsab annessa a fol 10 tal-atti u minnha jidher li l-istess postijiet ghandhom jigu stmati fis-somma ta' Lm467.60,0.

Ikkunsidra

Illi fid-dawl ta' dak premess u fin-nuqqas ta' xi prova kontrarja, l-ammont ta' kumpens imsemmi ghandu jigi kunsidrat bhala dak gust skond il-ligi "in materia" in konnessjoni mal-akkwist tal-postijiet in kwistjoni gja detenuti mir-rikorrenti b'titolu ta' "uzu u pussess", kif premess fl-istess rikors.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jiffissa il-kumpens ghall-kmamar numru 6, 7, 8, 9 u 10 fil-fond bin-numru 39, Sqaq ir-Regina fil-Belt Valletta, fl-ammont ta' Lm467.60,0.

In rigward l-ispejjes kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

Christine Micallef
Dep.Reg